

Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11688/23

CONUN 180	DEVGEN 152
ONU 48	SUSTDEV 111
COHOM 175	ENV 884
CFSP/PESC 1120	CLIMA 362
COPS 405	COHAFA 87
CSDP/PSDC 582	MIGR 259
CONOP 64	SAN 469
COTER 149	CYBER 195
COAFR 284	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul it-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2023 – Settembru 2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul it-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2023 – Settembru 2024, kif approvati mill-Kunsill fit-3965 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Lulju 2023.

**ABBOZZ ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prioritatiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti
matul it-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
Settembru 2023 – Settembru 2024¹**

1. Il-multilateraliżmu huwa prinċipju fundamentali tal-UE. Huwa l-aktar mezz effettiv biex ir-relazzjonijiet globali jiġu rregolati b'mod li jkun ta' benefiċċju għall-persuni kollha. L-isfidi li qed tiffaċċa d-dinja ma jistgħux jiġu indirizzati minn pajjiż wieħed waħdu; dawn iridu jiġu riżolti b'mod kollettiv. Huwa għalhekk li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jirrispettaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli skont il-Karta tan-NU u jistinkaw għal sistema multilaterali riformata li tiffunzjona tajjeb, b'Nazzjonijiet Uniti effettiva u ffinanzjata b'mod sostenibbli fil-qalba tagħha.
2. Illum qed niffaċċjaw proliferazzjoni ta' kriżijiet: il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – ksur ċar tal-Karta tan-NU li jgħloq sfida akuta għall-paċi u s-sigurtà globali – u l-konsegwenzi globali tagħha, is-sitwazzjoni fis-Saħel u f'partijiet oħra tal-Afrika, l-emerġenza klimatika, iż-żieda fl-insigurtà tal-ikel, l-attakki sistematiċi u l-erożjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, it-theddid ċibernetiku, kif ukoll ir-rigress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), li jikkontribwixxu għal inugwaljanzi globali dejjem aktar profondi. L-UE ser tkompli taħdem għal dinja fejn l-interessi tan-nazzjonijiet u n-nies kollha huma rappreżentati kif xieraq, u ser issaħħaħ l-isforzi biex tindirizza n-nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet globali billi turi li l-multilateraliżmu jagħti riżultati għal kulħadd.

¹ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

3. Il-pandemija tal-COVID-19 waqqfet ħesrem il-progress globali fl-iżvilupp, filwaqt li tefgħet lura t-tweġġ tal-Aġenda 2030 u l-SDGs. Il-konsegwenzi kontinwi tal-pandemija u t-tfikkil politiku u ekonomiku u l-inflazzjoni li qed tiżdied konsegwenza tal-aggressjoni Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna qed ixeġklu l-isforzi biex l-implimentazzjoni tal-SDGs terġa' lura fit-triq it-tajba. L-impatti qed jinħassu b'mod sproporzjonat mill-pajjiżi u l-popolazzjonijiet vulnerabbli. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-kisba shiġha tal-SDGs tinsab f'riskju, l-UE ser tirdoppja l-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni shiġha u f'waqtha tal-Aġenda 2030. Irridu lkoll nassumu r-responsabbiltà kollettiva tagħna f'dan ir-rigward, u nibqgħu attivi fil-bini ta' sħubijiet globali biex niksbu l-għanijiet komuni tagħna.
4. L-SDGs huma intrinsikament marbuta mal-paċi u s-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem. Mingħajr il-paċi, l-għanijiet l-oħra kollha – mid-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri sal-indirizzar tat-tibdil fil-klima, l-ilma, l-enerġija u s-sigurtà tal-ikel – mhux ser jintlaħqu. L-UE ser tibqa' difensur u promotur ferventi tad-drittijiet tal-bniedem, kemm jekk huma drittijiet ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali, kif ukoll libertajiet fundamentali. Fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata 75 sena ilu, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem u li tiddefendi l-universalità u l-indiviżibbiltà tagħhom, u ser tkompli taħdem mas-sħab biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi internazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-avvanz u t-tgawdija shiġha tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tishiġ tal-pożizzjoni tagħhom, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. L-UE ser tkompli tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha.
5. F'dan l-isfond, l-azzjoni tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti fis-sena li ġejja ser tkompli tkun iggwidata mill-prijoritajiet ġenerali li ġejjin:
- I. L-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs;
 - II. It-tishiġ tal-governanza globali f'konformità mal-"Aġenda Komuni Tagħna";
 - III. Il-bini ta' sħubijiet.

I. L-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs

6. L-SDGs huma wegħda lill-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, li jeħtieġ li nżommu. Is-Summit tal-SDGs f'Settembru 2023 jipprovdi opportunità unika biex jiġu rikonoxxuti l-kisbiet, u aktar importanti biex jitreġġa' lura r-rigress fl-implimentazzjoni tal-SDGs lejn l-ilħuq tal-miri tal-Aġenda 2030. Biex naċċelleraw il-progress lejn il-kisba tal-SDGs, jeħtieġ li nimmobilizzaw impenn politiku qawwi, insaħħu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji mis-sorsi kollha, nikkooperaw aktar mill-qrib, u naġixxu aktar malajr. Is-Summit tal-SDG huwa opportunità vitali biex nerġġu lura fit-triq it-tajba, u rridu naħtfuha. Is-Summit jenħtieġ jidentifika modi biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-SDGs, f'sinerġija mill-qrib mal-"Aġenda Komuni Tagħna" li twassal għas-"Summit tal-Futur" f'Settembru 2024 u lil hinn.
7. Fost l-aktar livelli inkwetanti ta' insigurtà tal-ikel madwar id-dinja, l-UE ħadet azzjoni deċiżiva, bl-adozzjoni ta' rispons komprensiv ta' Tim Ewropa li jinkludi risponsi umanitarji u fit-tul, u ser tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni multilaterali biex tiġi indirizzata l-kriżi globali tal-ikel. Is-Summit tal-SDG għandu jqis l-eżiti tal-Mument ta' Rendikont tas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel li huwa kruċjali għall-bini ta' sistemi tal-ikel globali reżiljenti, sostenibbli u nutrittivi.
8. Il-Global Gateway tal-UE huwa kontribut ewlieni biex jiġihaffef it-twettiq tal-SDGs madwar id-dinja. Permezz tal-istrateġija Global Gateway, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jimmiraw li jagħtu spinta lil links intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u li jsaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja. L-UE tippromwovi investimenti ta' konnettività reżiljenti u finanzjarjament sostenibbli, u sħubijiet inklużivi u fdati, li jippermettu lis-sħab tagħna jiżviluppaw is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħhom b'benefiċċji dejjiema għall-komunitajiet lokali. L-UE ser tibqa' impenjata mill-qrib fl-appoġġ tal-iżvilupp urban sostenibbli globalment, filwaqt li ssegwi t-twettiq tal-Aġenda Urbana Ġdida.

9. L-ewwel Rieżami Volontarju fil-livell tal-UE tal-implimentazzjoni tal-SDGs, flimkien mar-rieżamijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, juri l-impenn sod tagħna li nagħtu spinta mgħedda lill-Aġenda 2030 bħala l-pjan direzzjonali komuni tagħna fil-livell globali.
10. It-tranżizzjonijiet meħtieġa jeħtieġu mobilizzazzjoni attiva tar-riżorsi, kif rikonoxxut fil-pjan propost tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Istimolu tal-SDGs. Il-Finanzjament għall-Iżvilupp jenħteġ ikun il-prijorità tagħna biex niksbu dan l-għan u aħna nilqgħu l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iżid il-finanzjament fit-tul għall-iżvilupp u jtejjeb it-trasparenza dwar l-użu tar-riżorsi. L-UE tappoġġa riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali li tappoġġa lil dawk l-aktar vulnerabbli filwaqt li tħares il-beni pubbliċi globali.
11. Il-missjoni u l-mudell tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDB) iridu jevolvu, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali tal-lum, filwaqt li jiġu appoġġati l-popolazzjonijiet l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli, speċjalment fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), il-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw (LLDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħir li qed Jiżviluppaw (SIDS) biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE hija impenjata f'diskussjonijiet li għaddejjin dwar ir-riforma tal-MDB, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-effiċjenza tal-użu tal-kapital tagħhom u l-estensjoni tal-ispazju fiskali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE ser tistinka biex tiżgura li l-MDBs jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs. Dan jinkludi l-missjoni tradizzjonali tal-MDBs li jeqirdu l-faqar estrem u jagħtu spinta lill-prosperità kondiviża kif ukoll jindirizzaw b'mod effettiv it-trasformazzjoni diġitali u l-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità, l-inugwaljanzi, il-pandemiji u l-fraġilità, biex jiġu ppreservati l-beni pubbliċi globali. Fir-rigward tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), l-UE tibqa' impenjata li timmobilizza u twassal b'mod volontarju d-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDR) lill-Fond Fiduċjarju għat-Tnaqqis tal-Faqar u għat-Tkabbir u l-Fond Fiduċjarju għar-Reżiljenza u s-Sostenibbiltà u tistieden lil oħrajn biex isegwu u jwettqu l-wegħdiet lil dawn iż-żewġ Fondi Fiduċjarji fil-ħin. L-UE tfaħħar il-kisba tal-mira ta' 100 biljun SDR fis-Summit dwar il-Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid.

12. Hija responsabbiltà kondiviża li jiġi żgurat li s-Sistema ta' Żvilupp tan-NU taħdem b'mod effiċjenti bħala faċilitatur ewlieni tal-Aġenda 2030. Kollektivament, dan jitolb li tinstab soluzzjoni ta' finanzjament fit-tul prevedibbli u sostenibbli għas-Sistema tal-Koordinaturi Residenti tan-NU. Sistema ta' Żvilupp tan-NU ripożizzjonata, aktar integrata u ffinanzjata b'mod sostenibbli, li tagħmel użu sħiħ mis-sistema tal-Koordinaturi Residenti msaħħa mill-ġdid, tista' verament tagħmel differenza fil-prattika u taqleb il-folja fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-SDGs. Nistennew bil-ħerqa li nsaħħu s-sħubija bejn l-UE u n-NU fil-livell tal-pajjiżi, fejn l-approċċ ta' Tim Ewropa u l-Global Gateway tal-UE jipprovdu opportunità biex jiżiedu s-sinerġiji strateġiċi mas-sistema tan-NU u l-pajjiżi sħab kif ukoll fost l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-bini tal-paċi b'appoġġ għal NU msaħħa ta' "rendiment wieħed".
13. Azzjoni klimatika deċiżiva hija hteġa globali urġenti u test għall-kapaċità ta' rispons tas-sistema multilaterali. L-UE hija impenjata li tibqa' fuq quddiem nett tal-azzjoni globali dwar il-klima, billi taħdem flimkien mas-sħab fis-sistema multilaterali biex tippromwovi approċċ mifrux mas-sistema kollha tan-NU għall-klima u għall-ħolqien ta' sinerġiji ma' proċessi internazzjonali rilevanti oħra. L-UE tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tenfasizza s-sinerġiji mal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. L-UE ser tibqa' sostenitur ferventi tal-indirizzar tal-interkonnnessjonijiet bejn it-tliet kriżijiet planetarji tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis filwaqt li ssaħħa l-azzjoni klimatika bbażata fuq l-oċeani kif ukoll ir-rwol tal-fraġilità klimatika fir-rabta bejn l-aspett umanitarju u dawk tal-iżvilupp u l-paċi. L-UE hija impenjata li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-azzjoni klimatika, li jippromwovi l-ġustizzja soċjali, il-ġustizzja u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika. It-tieqa ta' opportunità qed tingħalaq b'mod rapidu biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 °C. Ir-Rendikont Globali fil-COP28 joffri opportunitajiet biex tissaħħa l-azzjoni dwar il-mitigazzjoni u l-adattament. Filwaqt li nadattaw għat-tibdil fil-klima, jeħtieġ li nieħdu passi ulterjuri b'mod rapidu biex niżguraw li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jilhqqu l-ogħla livell sa mhux aktar tard mill-2025, inkluż bl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsqa. Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni ser ikollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward, u dan jirrikjedi kooperazzjoni internazzjonali b'saħħitha.

14. Iż-żieda medja globali fit-temperatura ser tirriżulta f'impatti severi għal ħafna pajjiżi u komunitajiet, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw. Għalhekk huwa kruċjali li nkomplu bl-isforz kollettiv biex nadattaw għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-adattament fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali. B'mod parallel, jeħtieġ li nsaħħu l-impenn tagħna b'mod multilaterali. Il-mudell tas-"Sħubija għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija" żviluppat mal-Afrika t'Isfel, il-Vjetnam, l-Indoneżja u s-Senegal huwa pass 'il quddiem fid-dekarbonizzazzjoni u l-aċċellerar tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis gradwali tal-faħam. Filwaqt li nitgħallmu minn dan, għandna niġbru flimkien ir-riżorsi tagħna, naħdmu flimkien biex nipprioritizzaw l-azzjoni globali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, u nibdew niksbu riżultati konkreti fil-COP28 f'Dubai, filwaqt li nenfasizzaw kemm l-urġenza kif ukoll l-opportunità tal-azzjoni klimatika. Is-Summit dwar l-Ambizzjoni Klimatika f'Settembru ser ikun okkażjoni importanti oħra biex jitravmu l-impenji konġunti tagħna qabel il-COP28 u jintbagħtu sinjali politiċi ċari dwar l-aspettattivi għall-eżitu tar-Rendikont Globali.
15. L-UE tat l-appoġġ tagħha għat-talba għal Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-obbligi tal-Istati fir-rigward tat-tibdil fil-klima. L-UE tibqa' impenjata li tippromwovi l-azzjoni individwali u kollettiva tal-Istati biex jipprevjenu u jirrispondu għat-theddida tat-tibdil fil-klima u biex juru solidarjetà ma' dawk partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima.
16. Il-ġestjoni sostenibbli, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u effiċjenti tal-ilma, inkluż tal-ilmijiet transfruntiera, hija kruċjali għall-kisba tal-Aġenda 2030 kollha, kif ikkonfermat fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma f'Marzu 2023. Fil-livell globali, il-priorità hija li jiġi promoss approċċ sistemiku tan-NU għall-ilma, biex jiġu żgurati sinerġiji aħjar bejn is-setturi u djalogu kontinwu dwar kwistjonijiet relatati mal-ilma. L-UE tappoġġa l-istabbiliment ta' Mibgħut Speċjali tan-NU għall-Ilma li għandu jkollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-governanza fil-livell globali kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma.

17. Azzjoni urġenti hija kruċjali biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, li huwa essenzjali għas-salvagwardja tas-servizzi vitali tal-ekosistema kif ukoll il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-Qafas Globali għall-Bijodiversità, li jstabbilixxi pjan direzzjonali għall-protezzjoni, ir-restawr u l-użu tan-natura b'mod sostenibbli, u l-UE ser tissieħeb mal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u bijodiversi biex tiżgura l-implimentazzjoni rapida tiegħu. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-Fond Qafas Globali għall-Bijodiversità stabbilit reċentement taħt il-Faċilità Ambjentali Globali, li l-għan tiegħu huwa li jappoġġa lill-pajjiżi fil-kapaċità tagħhom li jipproteġu, jirrestawraw u jiżguraw l-użu sostenibbli tan-natura. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ). L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għar-ratifika u l-implimentazzjoni rapida ta' dan il-ftehim storiku u jhegħgu lill-Istati kollha biex jagħmlu l-istess. L-UE tibqa' impenjata u ser tkompli tippromwovi t-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani, inkluż fi ħdan fora multilaterali rilevanti u b'mod partikolari fil-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025. Il-qafas Globali tal-Bijodiversità u l-Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjonijiet Nazzjonali kif ukoll in-negozjati dwar idma globali lejn trattat dwar il-Plastik huma oqsma fejn is-sħubija tan-NU għażlet it-triq tal-multilateraliżmu minħabba li hemm interess komuni sabiex tingħata prova li l-multilateraliżmu jista' jagħti r-risultati, anke fi żminijiet diffiċli.

18. Filwaqt li nantiċipaw it-theddid futur għas-saħħa, irridu nitgħallmu minn dawn l-aħħar snin u nkissru ċ-ċiklu ta' kriżi u negliġenza bejn il-pandemiji u l-emerġenzi tas-saħħa billi nippromwovu aġenda tas-saħħa globali aktar koerenti, integrata, orjentata lejn l-azzjoni u ffinanzjata b'mod adegwat u sostenibbli — anke bil-ħsieb li jintlaħqu aħjar l-SDGs. F'dan ir-rigward, nistennew bil-ħerqa li nadottaw tliet dikjarazzjonijiet politiċi fil-laqgħat ta' Livell Għoli dwar il-Prevenzjoni, it-Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji, dwar il-Kopertura tas-Saħħa Universali, u dwar it-Tuberkulożi matul il-Ġimgħa ta' Livell Għoli f'Settembru 2023. Dawn il-laqgħat ser ikunu kruċjali għat-tisħiħ tat-tmexxija politika ta' livell għoli, l-approċċi multisettorjali, tal-gvern sħiħ u tas-soċjetà kollha kif ukoll il-finanzjament sostenibbli b'appoġġ għal sistemi tas-saħħa nazzjonali msaħħa u arkitettura tas-saħħa globali b'saħħitha bl-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-qalba tagħha. L-eżiti għandhom isaħħu l-approċċ Saħħa Waħda, irawmu aċċess ekwu għal kontromiżuri mediċi u jiżguraw momentum politiku qawwi għan-negozjati dwar Ftehim futur dwar il-Pandemiji. L-UE ser tkompli tinsisti fuq strument ambizzjuż u legalment vinkolanti dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji kif ukoll fuq Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa msaħħa, li t-tnejn li huma għandhom jiġu adottati mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fl-2024.

II. It-tisħiħ tal-governanza globali f'konformità mal-"Aġenda Komuni Tagħna"

19. Is-sistema multilaterali attwali teħtieġ adattament biex tlaħħaq mal-isfidi globali attwali u futuri, inkluż l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs kif ukoll il-promozzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti. Huwa għalhekk li l-UE tappoġġa bil-qawwa r-riformi tal-governanza globali proposti mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-"Aġenda Komuni Tagħna" li għandhom l-għan li jagħtu spinta għida lis-sistema multilaterali u jagħmluha aktar inklużiva, aktar konnessa, u aktar effettiva. Hija r-responsabbiltà kollettiva tagħna li nappoġġaw l-ambizzjoni tas-Segretarju Ġenerali. L-UE hija impenjata li jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' dawn il-fergħat ta' riforma. Dan jinkludi appoġġ kontinwu għar-rivitalizzazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex in-NU ssir aktar effiċjenti, trasparenti u responsabbli.

20. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li jkollha rwol ewlieni bil-ħsieb li tikseb "Patt għall-Futur" ambizzjuż u orjentat lejn l-azzjoni bħala l-eżitu fis-Summit tal-Futur fl-2024, u ser tkompli bl-impenn kostruttiv tagħha dwar ir-riżultati tanġibbli proposti. Din hija opportunità unika biex nagħgornaw in-Nazzjonijiet Uniti u nagħmluha adatta għall-futur. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tiġi integrata bis-sħiħ fil-Patt kollu. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport mill-Bord Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar il-Multilateraliżmu Effettiv, li fih proposti ambizzjużi u kuraġġużi lejn governanza globali aktar effettiva u inklużiva. Għal dan l-għan, l-UE ser tfittex ukoll li tiżgura koerenza akbar bejn il-ħidma tan-NU u l-aġendi tal-G7 u l-G20. Bħala prova tal-impenn tagħna għal sistemi globali aktar ġusti, aktar effettivi u aktar responsabbli, l-UE tappoġġa wkoll siġġu għall-Unjoni Afrikana fil-G20.
21. Bħala parti mill-"Patt għall-Futur", "Aġenda Ġdida għall-Paċi" trid tesprimi vot imġedded tan-nazzjonijiet kollha biex jirrispettaw il-prinċipji tal-Karta tan-NU, biex iżommu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u joqogħdu lura mit-theddid jew l-użu tal-forza. L-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi hija opportunità biex jissawru risponsi ġodda kontra theddid antik u ġdid, inkluż bit-tisħiħ tal-prevenzjoni, l-adattament taż-żamma tal-paċi tan-NU għal dan l-ambjent il-ġdid, u t-tisħiħ tal-arkitettura tal-bini tal-paċi, inkluż billi jiġi żgurat finanzjament adegwat, prevedibbli u sostnut għall-konsolidazzjoni tal-paċi u l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fid-dimensjonijiet kollha tagħha kif ukoll l-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà. Għandha tikkontribwixxi għall-preservazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ ulterjuri tal-arkitettura globali għall-kontroll tal-armi, id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, kif ukoll reġimi multilaterali ta' kontroll tal-esportazzjoni. L-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi għandha ssaħħa il-kooperazzjoni multilaterali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, l-attakki ibridi, kif ukoll ir-riskji relatati maċ-ċibernetika f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għandha ssaħħa ukoll il-governanza globali għall-użu paċifiku, sigur u sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku, u timmira li ssaħħa is-sinerġiji fost id-diversi inizjattivi ta' governanza biex tissaħħa is-sigurtà spazjali. Sħubijiet b'saħħithom bejn in-NU, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra huma essenzjali għal sistema globali konnessa, inklużiva u effettiva biex jiġu indirizzati r-riskji strateġiċi tal-lum għall-paċi u s-sigurtà.

22. L-UE ttenni l-impenn tagħha għal finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli ta' operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Unjoni Afrikana (UA) u tappoġġa l-użu ta' kontributi vvalutati min-NU għal tali operazzjonijiet awtorizzati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u f'konformità mal-istandards u l-mekkaniżmi maqbula rilevanti, inkluż l-implimentazzjoni tal-qafas ta' konformità tad-drittijiet tal-bniedem tal-UA.
23. L-UE tappoġġa riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) biex dan isir aktar effettiv, inklużiv, trasparenti, demokratiku, u responsabbli u jirrifletti aħjar ir-realtajiet tal-lum billi jsaħħaħ il-vuċi tar-regġuni sottorappreżentati, speċjalment iżda mhux limitat għall-Afrika. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-isforzi biex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-Kunsill tas-Sigurtà. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni storika tal-AĠNU dwar l-użu tal-veto u tappoġġa t-tisħiħ ulterjuri tar-relazzjoni bejn l-Assemblea Ġenerali u l-Kunsill tas-Sigurtà, inkluż dwar kwistjonijiet relatati maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, b'mod konsistenti mal-Karta tan-NU. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-inizjattiva Franċiża/Messikana dwar it-trażżin tal-veto f'każijiet ta' atroċitajiet tal-massa, kif ukoll il-"Kodiċi ta' Kondotta rigward azzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra". Huwa importanti li jintużaw ir-rabtiet bejn il-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi u l-KSNU b'mod aktar sistematiku sabiex jiġu appoġġati l-isforzi għall-paċi fil-kontinenti kollha.
24. L-UE ser tkompli tippromwovi l-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, u ser tippromwovi aċċess mingħajr xkiel għal persuni fil-bżonn u azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji. L-UE ser tkompli timpenja ruħha bil-ħsieb li tiftaħ negozjati għal Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ikkastigar ta' reati kontra l-umanità biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u tiġi żgurata l-prosekuzzjoni ta' tali reati. L-UE ser tkompli tippromwovi l-universalità tal-Istatut ta' Ruma u l-appoġġ għall-qراطي u t-tribunali internazzjonali kollha u l-kooperazzjoni magħhom, b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali, u l-mekkaniżmi investigattivi internazzjonali li jfittxu r-responsabbiltà. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u aktar koordinazzjoni u azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-allegati delitti internazzjonali kollha madwar id-dinja inkluż l-allegati delitti internazzjonali mwettqa fl-Ukrajna, inkluż id-delitt ta' aggressjoni.

25. Il-Patt Diġitali Globali, bħala wieħed mill-eżiti previsti tas-Summit tal-Futur, għandu jservi bħala pjan direzzjonali għal prinċipji globali kondiviżi ċċentrati fuq il-bniedem u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem għal futur diġitali. Għandu jkun ambizzjuż u jesprimi viżjoni ċara li ttipprovdi qafas għal attivitajiet relatati fis-sistema tan-NU, b'għeruwq fondi fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. L-opportunitajiet li joffru t-teknoloġiji diġitali għandhom jiġu sfruttati, inkluż il-potenzjal li jaċċelleraw u jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs. Nistennu li l-Patt Diġitali Globali jappoġġa aċċess miftuħ, stabbli, liberu u inklużiv għal Internet globali, interoperabbli, affidabbli, sigur u sostenibbli, u li jippromwovi l-mudell tiegħu ta' diversi partijiet ikkonċernati. L-Intelliġenza Artifiċjali saret qasam ta' importanza strateġika u għandha tkun iggwidata minn approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u favur l-innovazzjoni bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-UE ser tikkontribwixxi għall-Patt Diġitali Globali billi taħdem mas-sħab u tiffirma alleanzi dwar id-drittijiet tal-bniedem online u l-konnettività.
26. Il-Mibgħut tat-Teknoloġija tan-NU għandu opportunità unika biex itejjeb il-koerenza u l-koordinazzjoni tan-NU dwar kwistjonijiet diġitali filwaqt li jappoġġa u jippromwovi l-mudell ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-governanza tal-internet, li huwa miftuħ, inklużiv u deċentralizzat. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tiddefendi ċiberspazju globali, miftuħ, stabbli, liberu, sigur u paċifiku u tissottolinja l-impenn tagħha li tiddefendi l-qafas normattiv tan-NU għal imġiba responsabbli tal-istat fiċ-ċiberspazju u li tippromwovi l-istabbiliment ta' Programm ta' Azzjoni biex tiġi avvanzata l-imġiba responsabbli tal-istat fiċ-ċiberspazju fl-2025. L-UE tappoġġa wkoll it-tħejjijiet għal Kodiċi ta' Kondotta għall-integrità tal-informazzjoni fuq il-pjattaformi diġitali, biex tiġi żgurata r-responsabbiltà tad-diversi atturi involuti fl-ambjent tal-informazzjoni u biex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità sabiex jiġrawmu soċjetajiet reżiljenti għad-diżinformazzjoni.

27. L-inizjattiva tal-Pjattaforma ta' Emerġenza hija mod importanti biex jiġi żgurat rispons globali koordinat aħjar u aktar koerenti għal kriżijiet globali kumplessi – wieħed li jagħti prijorità lill-ħtiġijiet tal-komunitajiet l-aktar affettwati u vulnerabbli. Biex tirreaġixxi għas-severità u l-kumplessità ta' xokkijiet globali futuri, l-inizjattiva trid tkun inklużiva, billi tiġbor flimkien varjetà ta' partijiet ikkonċernati. L-UE tappoġġa l-proposta li tali pjattaforma ma tkunx korp jew entità permanenti, iżda pjuttost tkun magħmula minn sett ta' protokolli, li għandhom jiġu attivati meta jkun meħtieġ u li jibnu fuq għodod u mekkaniżmi eżistenti mtejba. Għandha tagħmel l-aħjar użu mid-data u l-analiżi ta' prospettiva u ta' twissija bikrija disponibbli biex tipprevedi deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u infurmati matul ir-rispons.
28. Enfasi akbar fuq l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-"Aġenda Komuni Tagħna" u għandha tiġi riflessa f'Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri. L-involvement sinifikanti taż-żgħażaġh jeħtieġ li jsir mudell fil-proċessi kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet tan-NU billi tiġi estiża u msaħħa l-parteciġazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livelli kollha madwar id-dinja. L-aċċess inklużiv u ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità huwa l-pedament tal-iżvilupp sostenibbli u l-UE tappoġġa segwitu ambizzjuż għas-Summit dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni, mhux l-inqas permezz tan-negożjati dwar il-"Patt għall-Futur".
29. Id-dimensjoni soċjali jistħoqqilha wkoll l-attenzjoni mill-qrib tagħna. Għalhekk, l-UE qed tistenna b'interess li tinvolvi ruħha b'mod attiv fit-tħejjijiet tas-Summit Soċjali Dinji bil-ħsieb li trawwem l-inklużjoni soċjali u l-ġustizzja soċjali, tippromwovi djalogu soċjali inklużiv dwar kwistjonijiet bħall-avvanz tal-protezzjoni soċjali universali, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, jew it-tisħiħ tal-ħiliet ekoloġiċi u diġitali.

III. Il-bini ta' sħubijiet

30. L-UE tafterma mill-ġdid il-konvinzjoni tagħha li l-isfidi ewlenin ta' żmienna, min-natura u l-ambitu globali tagħhom, ma jistgħux jiġu indirizzati minn pajjiżi li jaġixxu waħedhom iżda għandhom jiġu indirizzati flimkien. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali kkaratterizzat minn frammentazzjoni u polarizzazzjoni dejjem akbar, l-UE ser tibqa' sieħeb kostruttiv, ibbażat fuq il-prinċipji u affidabbli, li jfittex li jlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha u jippermetti d-djalogu bħala sforz komuni biex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi globali bbażati fuq il-Karta tan-NU, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. Is-sħubijiet urew li huma ta' għajjnuna fin-navigazzjoni tal-aktar sfidi urġenti u l-bosta kriżijiet li qed niffaċċaw. Ser inkomplu nisimgħu t-tħassib tas-sħab tagħna u ser nibqgħu sensittivi għall-iżbilanċi globali li jaffettwaw l-aktar pajjiżi vulnerabbli, sabiex jiġu indirizzati aħjar l-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom. Dan jinkludi l-impenn qawwi tal-UE fit-tħejjijiet għar-raba' Konferenza Internazzjonali dwar Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw u t-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw, li t-tnejn li huma ser isiru fl-2024.
31. L-UE ser iżżid il-kooperazzjoni tagħha ma' sħab minn reġjuni oħra biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-sħubijiet eżistenti u biex tiżgura impenn aktar effettiv dwar prijoritajiet kondiviżi fis-sistema multilaterali. Is-Summits tal-UE ma' organizzazzjonijiet u sħab reġjonali, bħas-Summit UE-UA, is-Summit UE-ASEAN jew is-Summit UE-CELAC, juru s-saħħa tas-sħubijiet strateġiċi tagħna u l-impenn konġunt għall-promozzjoni ta' multilateraliżmu effettiv u l-ordni internazzjonali dinji bbażat fuq ir-regoli. Ser inkomplu nwettqu djalogi strutturati ma' gruppi reġjonali fi ħdan in-NU biex insegwu inizjattivi u prijoritajiet konġunti. Ser nibnu alleanzi ġodda ma' pajjiżi sħab, insaħħu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali.
32. Is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra għandhom rwol kruċjali. Fl-ispirtu ta' multilateraliżmu verament inklużiv u f'network, l-UE hija impenjata li tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' soċjetà ċivili diversifikata u indipendenti u tal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tan-NU.